# IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TA' L-ISTATI MEMBRI

## DEĊIZJONI TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TA' L-ISTATI MEMBRI

**tat-23 ta' Mejju 2007**

**li taħtar imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej**

(2007/368/KE, Euratom)

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TA' L-ISTATI MEMBRI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 224 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, b'mod partikolari l-Artikolu 140 tiegħu,

Billi, skond id-dispożizzjonijiet tat-Trattati, jsir tiġdid parzjali tal-membri tat-Tribunal tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej kull tliet snin għal mandat ta' sitt snin. Għall-perijodu bejn l-1 ta' Settembru 2007 sal-31 ta' Awwissu 2013, il-gvernijiet ta' l-Istati Membri għad iridu jaħtru imħallef sabiex jikkompletaw il-ħatra tat-tnax-il imħallef li saret fil-25 ta' April 2007,

IDDEĊIDEW:

*Artikolu 1*

Is-Sur Santiago SOLDEVILA FRAGOSO hu maħtur imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej għall-perijodu mill-1 ta' Settembru 2007 sal-31 ta' Awwissu 2013.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 23 ta' Mejju 2007.

*Il-President*

W. SCHÖNFELDER